

Brussell, 13 ta' Novembru 2025
(OR. en)

15129/25

LIMITE

STAT 40
FIN 1326

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-aġġornament tal-2024 tal-istudju tal-2016 tal-Eurostat dwar l-implikazzjonijiet baġitarji fit-tul tal-kostijiet tal-pensjonijiet - Approvazzjoni

Fis-26 ta' Awwissu 2025, il-Kummissjoni ħarġet Dokument ta' Ħidma tal-Persunal – l-aġġornament tal-2024 tal-istudju tal-2016 tal-Eurostat dwar l-implikazzjonijiet baġitarji fit-tul tal-kostijiet tal-pensjonijiet¹. L-istudju janalizza x-xejriet ewlenin fin-nefqa fuq il-pensjonijiet tal-persunal matul il-perjodu ta' ħamsin sena (2024-2073), filwaqt li jqis l-impatt tal-bidliet legali introdotti mir-riforma tar-Regolamenti tal-Persunal tal-2013.

Fis-17 ta' Settembru 2025, wara l-preżentazzjoni tal-istudju tal-Eurostat u skambju ta' fehmiet fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Regolamenti tal-Persunal (WPSR), il-Presidenza ppreżentat l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill. Wara diskussjoni fid-WPSR fil-15 ta' Ottubru 2025, u wara diversi ċikli ta' konsultazzjoni bil-miktub, id-WPSR qabel dwar it-test fis-7 ta' Novembru 2025.

Il-Coreper mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test li jinsab fl-Anness, u jistieden lill-Kunsill japprovah, bħala punt "A", f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss.

¹ 12302/25; SWD(2025) 249 final.

ABBOZZ TA' KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL
DWAR L-AĠĠORNAMENT TAL-2024 TAL-ISTUDJU TAL-2016 TAL-EUROSTAT DWAR L-
IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI FIT-TUL TAL-KOSTIJIET TAL-PENSJONIJIET

IL-KUNSILL

FILWAQT LI JFAKKAR fil-konklużjonijiet tiegħu tad-19 ta' Diċembru 2016 dwar l-istudju tal-Eurostat dwar l-implikazzjonijiet baġitarji fit-tul tal-ispejjeż tal-pensjonijiet tal-UE², fir-rapport tal-Kummissjoni tal-2023 lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-bilanċ tad-dovuti tal-iskema tal-Pensjoni għall-Uffiċjali tal-UE (PSEO) u l-implikazzjonijiet baġitarji tal-Anness XII tar-Regolamenti tal-Persunal³, u fir-Rapport Speċjali 15/2019 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri;

JIEĦU NOTA tal-aġġornament tal-2024⁴ tal-istudju tal-2016 tal-Eurostat dwar l-implikazzjonijiet baġitarji fit-tul tal-kostijiet tal-pensjonijiet⁵, kif mitlub mill-Kunsill fl-2023, wara li kkonkluda li l-istudju tal-2016 jeħtieġ li jiġi aġġornat billi s-suppożizzjoni ċentrali ta' tkabbir ta' zero fil-mija tal-popolazzjoni attiva matul il-perjodu ta' referenza (2014-2064) ma kinitx għadha valida billi din iċ-ċifra żdiedet f'kull sena mill-2014 sal-2022, u baqgħet tiżdied;

JIEĦU NOTA tal-iżvilupp fl-għadd ta' benefiċjarji tal-iskema tal-pensjoni matul il-perjodu 2023-2073 b'żieda sinifikanti mbassra sal-2048;

JIEĦU NOTA tar-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-24 ta' Lulju 2025 skont l-Artikolu 77 tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali⁶ li jqabbel l-età tal-pensjoni għall-persunal fis-servizzi ċivili tal-Istati Membri kif inhi bħalissa mal-età tal-pensjoni għall-persunal tal-istituzzjonijiet tal-UE ingaġġati wara l-2014 u jeżamina l-evoluzzjoni tal-istennija tal-għomor tal-uffiċjali tal-istituzzjonijiet tal-UE;

² 14834/16.

³ 8319/23; COM(2023) 188 final.

⁴ 12302/25; SWD(2025) 249 final.

⁵ 11715/16; SWD(2016) 268 final.

⁶ 11950/25.

JIEĦU NOTA tal-metodoloġija tal-istudju aġġornat, b'ħall-perjodu ta' referenza ta' 50 sena (2024-2073), tal-ambitu tiegħu (l-impatt tal-emendi tal-2013 għar-Regolamenti tal-Persunal fuq in-nefqa fit-tul għall-pensjonijiet), u tal-komponenti attwarjali; b'mod partikolari JIEĦU NOTA bi tħassib tal-fatt li l-istudju aġġornat jerġa' juża s-suppożizzjoni ta' tkabbir ta' zero fil-mija tal-popolazzjoni attiva matul il-perjodu ta' referenza;

JINNOTA li abbażi tas-suppożizzjonijiet sottostanti, il-kostijiet ġenerali tal-pensjonijiet mbassra għal kull sena ser jonqsu fl-2073 meta mqabbla mal-2023. Madankollu, JESPRIMI tħassib serju dwar l-iżvilupp fil-kostijiet tal-pensjonijiet li huma mbassra li jikbru sal-2044 u b'kostijiet annwali flivell oġhla b'mod sinifikanti sal-2060 meta mqabbel mal-2023;

JISSOTTOLINJA l-importanza li tinżamm is-sostenibbiltà fit-tul tas-sistema tal-pensjonijiet tal-UE, li n-nefqa fuq il-pensjonijiet tkun limitata u li jinstab bilanċ fit-tul bejn l-adeqwatezza tal-pensjonijiet u s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi, li tinkludi monitoraġġ annwali kostanti tal-prestazzjoni tagħha msejsa fuq data f'ħin reali;

JISĦAQ FUQ ir-rilevanza li b'mod regolari jiġu segwiti kwalunkwe bidla fl-età tal-pensjoni għall-persunal fis-servizzi ċivili tal-Istati Membri u l-istennija tal-għomor tal-uffiċjali tal-istituzzjonijiet tal-UE fis-snin li ġejjin bil-ħsieb li jonqos l-impatt tal-kostijiet tal-pensjonijiet fuq terminu medju u fit-tul; ir-rabta tal-età statutorja tal-pensjoni mal-istennija tal-ħajja hija mod tajjeb ta' kif is-sostenibbiltà tas-sistema tal-pensjonijiet tiġi rrikonċiljata mal-adeqwatezza tagħha fil-kuntest ta' popolazzjoni li qed tixjieħ;

JINNOTA li ż-żieda fl-użu tal-pensjonijiet supplementari titqies kruċjali mill-Kummissjoni sabiex tingħata s-sigurtà finanzjarja liċ-ċittadini fil-kuntest tax-xejriet demografiċi, filwaqt li tgħin tiżviluppa swieq kapitali u l-investimenti jintużaw biex jiffinanzjaw it-tkabbir u l-innovazzjoni tal-UE⁷;

⁷ 7670/25; COM(2025) 124 final.

JISTIEDEN lill-awtoritajiet tal-ħatra tal-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE sabiex fejn xieraq jużaw id-dispożizzjoni tal-Artikolu 52 tar-Regolamenti tal-Persunal bil-ħsieb li jawtorizzaw lill-uffiċjali jibqgħu fis-servizz wara l-età tal-pensjoni tagħhom u sal-limiti massimi statutorji; l-għarfien li ħajja itwal timplika xogħol għal żmien itwal sabiex tiġi ffinanzjata s-sistema tal-pensjonijiet jagħti inċentivi qawwija għall-aġġustament tal-età attwali tal-irtirar, sabiex jiġi żgurat li ssegwi mill-qrib iż-żidiet fl-istennija tal-għomor;

JISTIEDEN lill-Kummissjoni tqabba lill-Eurostat tissupplimenta l-aġġornament tal-2024 b'analiżi tas-sensittività tal-eżiti tal-kostijiet tal-pensjoni minħabba r-rati differenti ta' tkabbir fil-popolazzjoni attiva fuq il-perjodu ta' referenza li tippermetti lill-awtorità tal-baġit tivvaluta l-impatt tal-varjazzjonijiet f'dan il-parametru ewlieni fuq l-implikazzjonijiet baġitarji fit-tul tal-kostijiet tal-pensjoni; u tirrapporta lura lill-Kunsill malajr kemm jista' jkun;

JAPPELLA lill-Kummissjoni tanalizza s-sejbiet tal-istudju u tqis b'mod partikolari:

- il-valutazzjoni tal-età tal-pensjoni;
- il-prospettiva ġenerali fl-UE;
- evalwazzjoni tar-rata ta' akkumulazzjoni tal-pensjonijiet, ir-rata ta' kontribuzzjoni tal-persunal ta' terz għas-sistema tal-pensjonijiet, inkluż għall-persunal eżistenti, filwaqt li jiġu rrispettati l-prinċipji ġenerali tal-liġi,

u tipproponi l-aġġustamenti politiċi meħtieġa kollha li jippermettu l-iffrankar potenzjali tal-kostijiet meta mqabbla mat-tbassir attwali u jiżguraw is-sostenibbiltà fit-tul tas-sistema tal-pensjonijiet, filwaqt li jitqiesu l-effetti tar-riforma tal-pensjoni; it-tfaddil komplementari għall-irtirar jista' jaqdi rwol akbar fiż-żamma tal-adeqwatezza u s-sostenibbiltà futuri tas-sistema tal-pensjonijiet tal-UE. Kwalunkwe proposta futura għandha tiġi ppjanata b'mod ibbilanċjat.